MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Talba Numru. 2511/2003

**Eretric Limited**

**Vs**

**Angelic Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm281.45c) rapprezentanti ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

a. Li m'hemm l'ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u qatt ma kien hemm, u

b. Li m'huwiex id-debitur tas-socjeta' attrici u m'ghandu jaghti xejn.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Henry Farrugia xehed li l-konvenut kien jixtri x-xoghol minghand is-socjeta' attrici. Qal li darba kien kellem lill-konvenut li qallu li xi lavrant tas-socjeta' attrici kien ha xi affarijiet minghandu u ghalhekk sostna li l-ammont kien pacut.

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2004 il-konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghamel referenza ghall-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda ta' Jesmond Mifsud li sostna li kienet is-socjeta' Power Centre Company Limited li kienet tixtri affarijiet minghand is-socjeta' attrici. Jesmond Mifsud qal li darba r-ragel tat-tifla ta' Henry Farrugia kien ha x-xoghol mis-socjeta' Power Centre Company Limited u qatt ma sar il-hlas u ghalhekk sar tpacija ma' kontijiet tal-Power Centre.

Sema' x-xhieda tal-konvenut li qal li hu personalment qatt ma xtara. Kienet is-socjeta' Power Centre Company Limited li kienet tixtri mis-socjeta' attrici. Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li l-firma fuq id-dokumenti a fol 11, 12 u 13 tal-process hija tieghu. Mistoqsi jekk dawn l-*invoices* thallsux, il-konvenut qal li ma jistax jghid.

Il-konvenut kompla qal:

*"Jiena fis-sena ta' wara tad-dati ta' dawn l-invoice xtrajt hafna affarijiet minghand is-socjeta' attrici."*

Il-konvenut imbaghad gie mistoqsi hekk hallasx jew sarx *set off.* Qal li sar *set off* billi:

*"Ahna kellna niehdu minghand il-kumpanija attrici."*

L-ewwel eccezzjoni hija li m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet. It-tieni eccezzjoni hija li l-konvenut mhux debitur tas-socjeta' attrici. It-tielet eccezzjoni hija l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

It-tielet eccezzjoni giet ipprezentata minghajr Risposta formali.

Illi t-tielet eccezzjoni timplika li kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet u li d-dritt tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut spicca minhabba l-fatt li ghadda certu zmien. Jekk m'hemmx relazzjoni guridika ma taghmilx sens li teccepixxi l-preskrizzjoni.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien jiehu x-xoghol u kien jiffirma l-*invoice* jew nota personalment. Illi huwa veru li fuq l-*invoice* kien hemm il-kliem Power Centre izda jekk il-konvenut ried jixtri f'isem socjeta' kien id-dover tal-konvenut li jinforma lis-socjeta' attrici li kienet is-socjeta' Power Centre Limited li qieghda tixtri. Illi huwa wkoll il-konvenut li kellu jipprezenta evidenza biex juri li s-socjeta' attrici kienet taf li qieghda tbiegh lis-socjeta' Power Centre Limited. Huwa stramb kif il-konvenut kien jiffirma hu personali li ha x-xoghol minghajr ma jnizzel li ha x-xoghol ghas-socjeta'.
Illi fix-xhieda l-konvenut qal li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici gie *set off*.

Illi jekk Power Centre Limited kienet ghamlet xi *set off* kien il-konvenut li kellu jipprova bid-dokumenti anki ta' Power Centre Limited li kien sar tali *set off*. Illi l-konvenut ma gab l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Il-konvenut jghid li m'ghandux jaghti lis-socjeta' attrici. Jammetti li ha x-xoghol u ghalhekk kellu jipprova l-pagament.

Is-*set off* li jsemmi l-konvenut huwa bejn terzi u m'hemmx prova taghha.

Illi dwar il-preskrizzjoni l-konvenut jaghmel referenza ghall-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili. Illi skond il-ligi l-konvenut kellu d-dover li jsemmi l-Artikolu specifiku u mhux diversi Artikoli li jaghmlu referenza ghal negozju differenti. Illi f'kull kaz l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili ma japplikax ghaliex il-konvenut kien jixtri kwantitajiet kbar biex jerga' jbiegh.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm281.45c). Bl-imghax mill-4 ta’ Settembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------